MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1343/2007

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera Diesel S.p.A.**

**-vs-**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno li b'digriet tal-Qorti tal-15 ta' Mejju, 2008 ġew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil STE SOLARADEL S.A.R.L.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-26 ta' Diċembru, 2007 li permezz tiegħu l-attur *nomine* espona bir-rispett:

1. Illi l-Avukat Dottor Luigi A. Sansone jirrappreżenta lis-soċjeta' estera Diesel S.p.A., magħrufa

sew madwar id-dinja nkluż f'Malta, *inter alia* in konnessjoni ma' arloġġi ta' l-idejn (*wristwatches*), u proprjeta' ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju tagħha;

2. Illi b'ħila u b'invenzjoni, kif ukoll b'ħafna sagrifiċċju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti tagħha, s-soċjeta' attriċi akkkwiżixxiet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* tagħha;

3. Illi in partikolari, s-soċjeta' attriċi għandha rreġistrata f'Malta b'effett mit-18 ta' Jannar, 1994 it-*trademark* bin-numru ta' reġistrazzjoni 22930, u dan dwar arloġġi ta' l-idejn (*watches*) fost oħrajn li jaqgħu fi klassi 14 tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Prodotti u Servizzi taħt in-*Nice Agreement Concerning the International Classification of Goods and Services for the Purposes of the Registration of Marks* tal-15 ta' Ġunju, 1957 (kif sussegwentement emendat);

4. Illi dwar dawn l-oġġetti (fost oħrajn), is-soċjeta' attriċi hija "*detentriċi ta' dritt*" għall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Miżuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta), biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni mogħtija taħt dik l-istess liġi fl-Artikli 2(1)(a)(i), 4 u 8(1) tagħha;

5. Illi reċentement, waqt l-iskrutinji taħt xi waħda mill-proċeduri dogonali msemmija fl-Artiklu 4 ta' l-istess Kapitlu 414 hawn qabel imsemmi, il-Kontrollur tad-Dwana kien issospenda r-rilaxx tal-*container* UNIU 4031048 kontenenti *inter alia* arloġġi ta' l-idejn li fihom sinjali fosthom il-kelma "DIESEL" preżentati b'mod prominenti, liema artikli waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana in transitu għar-rilaxx eventwali favur *consignee* / importatriċi ndikata fuq l-istess *bill of lading* bħala STE SOLARADEL S.A.R.L, u l-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lis-soċjeta' attriċi dwar din is-sejba f'ċirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intelletwali;

6. Illi s-soċjeta’ attriċi ġiet mgħarrfa bis-sejba fil-11 ta’ Diċembru, 2007, u wara li eżaminat ritratti elettroniċi ta’ kampjuni ta’ dawn l-oġġetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oġġetti kontrafatti li jikkontravvjenu d-drittijiet tagħha dwar proprjeta’ intellettwali;

7. Illi effettivament allura, l-arloġġi ta’ l-idejn ilkoll mertu ta’ din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bħala elf u tliet mija (1,300) b’kollox, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali tas-soċjeta’ attriċi. Għal dan il-każ japplikaw ukoll *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta’ liġi ndikati fil-paragrafu numru 4 ta’ dan ir-rikors, id-disposizzjonijiet rilevanti ta’ l-Artikli 10, 14 sa 19 ta’ l-Att ta’ l-2000 Dwar it-*Trademarks* (Kapitlu 416);

8. Illi s-soċjeta’ attriċi ngħatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana, u ġie lill-istess soċjeta’ attriċi prefiss terminu sas-27 ta’ Diċembru, 2007 mill-hawn qabel imsemmi Kontrollur tad-Dwana sabiex tingħatalu l-prova li nbdew l-opportuni proċedimenti ġudizzjarji ċivili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu għal deċiżjoni sostantiva dwar il-merti tal-każ;

9. Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha ddikjarati;

10. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oġġetti konsistenti f’arloġġi ta’ l-idejn, li lkoll jikkontjenu sinjali fosthom il-kelma “DIESEL” preżentati b’mod prominenti u li jinsabu preżentement miżmuma taħt l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* UNIU 4031048 kontenenti l-imsemmija oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-soċjeta’ attriċi;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjeta' attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lil, u għas-spejjeż tal-konvenuta;

3. Tieħu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi, inklużi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija oġġetti għall-ħażna qabel id-distruzzjoni eventwali tagħhom, tal-ħażna stess, tat-trasport mil-lok tal-ħażna sal-lok ta' l-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni tagħha.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati, ippreżentata fit-2 ta' Ġunju, 2008, li permezz tagħha kkonfermaw:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u meta jkunu jafu l-fatti qegħdin jirriservaw illi jissottomettu risposta ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Novembru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Il-Qorti għalhekk tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għall-fini tat-talbiet attriċi, fejn applikabbli tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**Spejjeż a kariku tas-soċjeta' konvenuta iżda l-attur *nomine* għandu proviżorjament iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------